**24 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Eddie *sive* Edward Micallef

## Provi Ġodda fl-Istadju ta' Appell

*L-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali ġie fil-ġurisprudenza tagħna interpretat li jipprojbixxi l-produzzjoni mhux biss ta' xhieda ġodda iżda ta' provi, ċjoe` anke dokumenti ġodda; ir-raġuni għal dan huwa li fl-istadju ta' appell dak li għandu jiġi eżaminat huwa biss jekk l-ewwel ġudikant iddeċidiex tajjeb jew ħażin fuq il-provi li kellu quddiemu.*

*B'danakollu l-artikolu 424 qatt ma kien intiż biex jillimita l-poter tal-Qorti li tordna l-produzzjoni ta' kwalunkwe xhud meta jidhrilha li jkun fl-interess tal-ġustizzja li ordni simili jiġi mogħti.*

Il-Qorti:-

Rat it-talba ta' l-appellant li testwalment tgħid hekk: "Dr. Brincat b'riferenza għat-tieni aggravju legali tiegħu u peress li hemm riserva li tinġieb kopja legali ta' sentenza ta' liberazzjoni u peress illi dan mhux xhud ġdid imma huma atti tal-Qorti, jitlob illi jew jesebixxi kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-18 (*sic*) ta' Settembru, 1992 jew li r-Reġistratur tal-Qrati jesebixxi huwa kopja ta' l-istess sentenza. Dan qed jintalab kemm fuq il-bażi tal-liġi kemm a bażi ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li l-kwistjoni ta' *ne bis in idem* tapplika għal kull Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali";

Rat ir-risposta: "Dr. Barbara għall-Avukat Ġenerali joġġezzjona għal tali talba stante li ebda dritt ta' l-appellant ma ġie vvjolat billi hu stess naqas li jippreżenta tali dokumentazzjoni quddiem l-ewwel Qorti u għalhekk illum tali prova mhix ammissibbli ħtija tiegħu stess";

Rat l-atti l-oħrajn, kompriżi in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet u ttrattata t-talba tikkunsidra:

It-tieni aggravju fir-rikors ta' l-appellant jikkonsisti filli, kif jgħid hu, huwa ġa' kien ġie mressaq fuq l-akkuża odjerna u lliberat minnha. Fl-istess rikors l-appellant irriserva li jipproduċi kopja legali tas-sentenza relattiva. Effettivament b'nota ppreżentata fil-25 ta' Frar, 1994 l-appellant esebixxi f'dawn l-atti dokument li f'dik in-nota huwa deskritt bħala kopja legali tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tad-19 (*sic*) ta' Settembru, 1992. B'digriet ta' l-4 ta' Mejju, 1994 din il-Qorti ordnat l-isfilz mill-atti tad-dokument imsemmi billi l-esebizzjoni tiegħu ma kinitx awtorizzata mill-istess Qorti skond il-liġi;

L-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali jiddisponi li quddiem din

il-Qorti 'ma jistgħux jinġiebu xhieda ġodda", ħlief fil-każi msemmija fl-istess artikolu, liema każi ma jokkorrux fil-każ preżenti. Din id-disposizzjoni ġiet fil-ġurisprudenza tagħna interpretata li tipprojbixxi l-produzzjoni mhux biss ta' xhieda ġodda iżda ta' provi, ċjoe` anke dokumenti ġodda. Dan għar-raġuni, ġusta fil-fehma ta' din il-Qorti, li f'dan l-istadju ta' l-appell dak li għandu jiġi eżaminat huwa biss jekk l-ewwel ġudikant iddeċidiex tajjeb jew ħażin fuq il-provi li kellu quddiemu (ara Kollez. Vol. XXVII.IV.742 u XXX.IV.623);

In vista tal-premess, u billi xejn ma żamm jew fixkel lill-appellant milli jipproduċi quddiem l-ewwel Qorti l-kopja tas-sentenza in kwistjoni, l-appellant m'għandux dritt jipproduċi dan id-dokument f'dan l-istadju ta' l-appell;

Fit-talba tiegħu l-appellant jirreferixxi għall-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-inċiż (9) ta' dan l-artikolu jiddisponi: "ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi Qorti kompetenti għal reat kriminali u/jew tkun misjuba ħatja jew liberata m'għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat ....". Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-appellant jissottometti li din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u dover kostituzzjonali ta' l-Avukat Ġenerali li appena jikkonstata li hemm il-*bis in idem* għandu *ex officio* jqajjem dan il-punt. Dan, u aktar fin-nota tiegħu, l-appellant jissottometti biex juri li għandu jiġi ammess jipproduċi kopja tas-sentenza msemmija;

Jiġi rrilevat li l-Avukat Ġenerali jista' ma jkunx jaf bis-sentenza preċedenti. Jista' jkun ukoll li l-Avukat Ġenerali ma jkunx tal-fehma li s-sentenza preċedenti tkun tikkostitwixxi *bis in idem*. Effettivament id-disposizzjonijiet kostituzzjonali fuq ċitata ma

timponix fuq l-Avukat Ġenerali li jirrileva l-ġudikat preċedenti. Anzi tindika li huwa l-individwu kkonċernat li għandu juri u ċjoe` jipprova li jkun ġie soġġett għall-proċeduri preċedenti. U din il-prova għandha tiġi pprezentata fit-termini tar-regoli tal-proċedura u mhux x'ħin u kif ifettillu l-imputat. Dan huwa ovvju u mhux utili li jingħad aktar dwaru;

B'danakollu, din il-Qorti ta' l-Appell, allura ppresjeduta mill-Onorevoli Mħallef allura Sir Luigi Camilleri, b'sentenza ta' l-4 ta' Ottubru, 1941 fil-kawża **Il-Pulizija kontra Matilde Cilia** ddeċidiet li d-disposizzjonijiet fl-artikolu llum 424 tal-Kodiċi Kriminali fuq ċitat "ma kienet qatt intiża biex tillimita l-poter tal-Qorti li tordna l-produzzjoni ta' kwalunkwe xhud meta jidhrilha li jkun fl-interess tal-ġustizzja li ordni simili jiġi mogħti" (Vol. XXXI.IV.433);

In vista ta' l-inġustizzja gravi li ssir jekk l-appellant jiġi misjub ħati u kkundannat ta' reat li talvolta ġa` ġie proċessat dwaru anke minħabba n-nuqqas tiegħu nnifsu, din il-Qorti, b'mod eċċezzjonali, sejra ssegwi din is-sentenza appena ċitata u tawtorizza lill-appellant jesebixxi d-dokument kif talab hu. Pero`, fl-interess tal-ġustizzja wkoll, f'dan il-każ, tirriserva li tikkunsidra favorevolment kull talba għall-produzzjoni ta' provi ġodda mill-Avukat Ġenerali;

Għall-motivi premessi tilqa' t-talba ta' l-appellant u tagħtih ħmistax-il ġurnata żmien biex jesebixxi l-kopja legali tas-sentenza fuq imsemmija u bir-riserva msemmija fil-paragrafu 7 favur l-Avukat Ġenerali.